

31997D0555

20.8.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 229/9

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-14 ta' Lulju 1997****dwar il-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ta' prodotti għall-bini permezz ta' l-Artikolu 20 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE għal dak li jirrigwarda s-siment, il-ġir tal-bini u binders idrawliċi oħrajn****(Text b'relevanza ŻEE)**

(97/555/KE)

IL-KUMMISSJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropeja,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' prodotti għall-bini⁽¹⁾, kif emendat bid-Direttiva 93/63/KEE⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni hija meħtieġa li tagħżel, bejn iż-żewġ proċeduri permezz ta' l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE biex tiċċertifika l-konformità ta' prodott, 'il-proċedura l-inqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà'; billi dan ifisser li huwa neċessarju li tiddeċiedi jekk, għal ċertu prodott jew grupp ta' prodotti, l-eżiżtenza ta' sistema ta' kontroll mill-fabbrika taħt ir-responsabilità tal-fabbrikant hiex kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti għaċ-ċertifikazzjoni ta' konformità, jew, jekk għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma l-osservazzjoni tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp taċ-ċertifikazzjoni hijiex għalhekk meħtieġa;

Billi l-Artikolu 13(4) jenħtieġ li l-proċedura hekk iddeterminata għandha tkun indikata fil-preskritti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk huwa mixtieq li jkun definit il-kunċett ta' prodott jew familja ta' prodott kif użati fil-preskritti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi iż-żewġ proċeduri li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi huwa meħtieġ li jkunu speċifikati kjarment il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu implimentati, b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodott, minħabba li l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura riferita fl-Artikolu 13(3) (a) tikkorrispondi għas-sistemi stabbiliti fl-ewwel possibiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u fit-tieni u tielet psoibiltajiet tas-sezzjoni 2 (ii) ta' l-Anness III, u l-proċedura riferita fl-Artikolu 13(3) (b) tikkorrispondi għas-sistemi stabbiliti fis-sezzjoni 2 (i) ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorveljanza kontinwa, tas-sezzjoni 2 (ii) ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u familji tal-prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikollhom il-konformità tagħhom ċertifikata bil-proċedura li biha l-fabbrikant ikollu taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu sistema ta' kontroll ta' produzzjoni fil-fabbrika li tassigura li l-prodott huwa konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti.

Artikolu 2

Il-prodotti elenkati fl-Anness II għandhom ikollhom il-konformità tagħhom ċertifikata bi proċedura li biha, b'żieda mas-sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika operata mill-fabbrikant, korp approvat taċ-ċertifikazzjoni jkun involut fil-kalkolazzjoni u s-sorveljanza tal-produzzjoni tal-prodott innif-su.

Artikolu 3

Il-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità kif stabbilita fl-Anness III għandha tkun indikata fil-preskritti għal standards armonizzati.

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni
Martin BANGEMANN
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

Ġir tal-bini, li jinkludi:

Ġir tal-kalċju,
Ġir dolomitiku, u
Ġir idrawliku.

ANNEX II

Siment komuni, li jinkludi:

Siment tat-tip Portland,

Siment kompost tat-tip Portland: (Siment tat-tip kagazza-Portland: A-S u B-S; siment iffumigat tat-tip Portland-silika: A-D; Siment tat-tip Portland-pozzolana: naturali A-P, naturali B-P, artifiċjali A-Q u artifiċjali B-Q; siment ta' l-irmied tat-tip Portland-tajjari: siliċiku A-V, siċiliku B-V, tal-ġir A-W u tal-ġir B-W; siment tal-kagazza tat-tip Portland-maħruq: A-T u B-T; siment tat-tip Portland-tal-franka: A-L u B-L; siment tat-tip Portland-kompost: A-M u B-M),

siment *blastfurnace* A, B u C,

siment *Pozzolaniku* A u B, u

siment kompost: A u B.

Siment speċjali li jinkludi:

siment ta' sħana baxxa,

siment reżistenti għall-kubrit,

Siment abjad,

Siment reżistenti għal ilma baħar, u

siment b'alkali baxxa.

Siment ta' l-aluminate tal-kalċju**Siment għall-bini bil-ġebel****Binders idrawliċi tat-toroq**

ANNEX III

FAMILJA TA' PRODOTTI

SIMENT, ĠIR TAL-BINI U BINDERS IDRAWLIĊI OĦRAJN

Sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-konformità.

Għal prodott(i) u l-użu(i) intiżi elenkat hawn taħt, CEN/CENELEC huma mitluba biex jispjefikaw is-sistema(i) li għejja taċ-ċertifikazzjoni tal-konformità fl-standards armonizzati relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) intiżi	Livell(i) jew klasi(-jiet)	Ċertifikazzjoni tas-sistema(i) tal-konformità
Siment komuni, inklużi: — Siment tat-tip Portland — Siment kompost tat-tipi Portland: Siment tal-kagazza Portland Siment iffumigat tas-silika Portland Siment Portland-pozzolana Siment ta' l-irmied tat-tip Portland-tajjari Siment tal-kagazza tat-tip Portland-maħruq Siment tat-tip Portland-tal-franka Siment kompost tat-tip Portland — Siment tal- <i>blastfurnace</i> — Siment Pozzolaniku — Siment kompost	Preparazzjoni tal-konkrit, tajn, tikħil u taħlitiet oħrajn għall-bini u għall-manifattura ta' prodotti għall-bini	--	1+
Siment speċjali, inklużi: — Siment ta' sħana baxxa — Siment li jirreżisti għall-kubrit — Siment abjad — li jirreżisti għall-ilma baħar — Siment b'alkali baxxa		--	1+
Siment ta' l-aluminate tal-kalċju		--	1+
Siment tal-bini bil-ġebel		--	1+
Ġir tal-bini, inklużi: — Ġir tal-kalċju — Ġir dolomitiku — Ġir idrawliku		--	2
<i>Binders</i> idrawliċi tat-toroq		Preparazzjoni tal-konkrit, tajn, tikħil u taħlitiet oħrajn għall-istabbilizzazzjoni tal-bażi tat-toroq	--

- Is-Sistema 1+: Ara l-Anness III, is-Sezzjoni 2 (i) tad-Direttiva 89/106/KEE, b'eżaminazzjoni ta' l-awditjar tal-kampjuni miġbura fil-fabbrika
- Is-Sistema 2: Ara l-Anness III, is-Sezzjoni 2 (ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, l-ewwel possibilità, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' spezzjoni inizzjali tal-fabbrika u l-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika (mingħajr sorveljanza, studju u approvvazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika)
- Is-Sistema 2+: Ara l-Anness III, is-Sezzjoni 2 (ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, l-ewwel possibilità, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' spezzjoni inizzjali tal-fabbrika u l-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika kif ukoll is-sorveljanza, studju u approvvazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika
-

L-ispeċifikazzjoni tas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata anke meta t-tweġieq ma jehliegħ li jkun iddeterminat għal ċerta karatteristika, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed ma jkollux ħtiġiet legali għal karattersitika bħal din [Ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokument Interpretattiva]. F'dawk il-każi il-verifika tal-karatteristiċi bħal dawn m'għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk huwa ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba ta' dak il-prodott f'dak l-aspett.
